

Brussell, 13 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13519/22

FIN 1065
STAT 31
INST 371

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Ottubru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12929/22 + COR 1	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 17/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Konsulenti esterni fil-Kummissjoni Ewropea – Lok għal riforma - Konklużjonijiet tal-Kunsill (13.10.2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali 17/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Konsulenti esterni fil-Kummissjoni Ewropea – Lok għal riforma", approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3899 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Ottubru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 17/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Konsulenti esterni fil-Kummissjoni Ewropea – Lok għal riforma

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 17/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea għar-Rapport;
2. JIEĦU NOTA li l-Kummissjoni tikkuntratta madwar EUR 1 biljun f'infq operazzjonali kull sena fuq servizzi ta' konsulenti esterni, li tużahom biex jagħtuha appoġġ f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' konsulenza, studju, evalwazzjoni u riċerka u li aktar minn nofs il-valur totali tal-kuntratti kien iffinanzjat taħt l-intestatura 4 "Ewropa Globali" tal-QFP preċedenti;
3. JIRRIKONOXXI s-sejbiet tar-rapport u JIDDISPJAĊIH b'mod partikolari li:
 - il-ġestjoni tal-Kummissjoni tal-użu ta' konsulenti esterni ma żguratx li timmassimizza l-valur għall-flus u li tissalvagwardja bis-sħiħ l-interessi tagħha;
 - il-Kummissjoni ma vvalutatx b'mod konsistenti l-prestazzjoni tal-konsulenti esterni u, minbarra studji u evalwazzjonijiet, ma qasmitx l-informazzjoni dwar dawn il-valutazzjonijiet mad-direttorati ġenerali tagħha;
 - il-Kummissjoni ma tirrapportax b'mod sistematiku l-informazzjoni dwar l-użu tagħha ta' servizzi ta' konsulenti esterni u ma hemm l-ebda rapportar fil-livell korporattiv;
 - il-qafas tal-Kummissjoni li jirregola l-użu ta' konsulenti esterni kellu lakuni sinifikanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsulenza u r-riċerka, li jirrappreżentaw il-bieċa l-kbira tal-ammont ikkuntrattat lil konsulenti esterni;

4. JIKKONDIVIDI l-opinjoni tal-Kummissjoni li s-sejbiet tal-awditu ma jiġġustifikawx riforma fundamentali tal-użu ta' servizzi ta' konsulenza esterna, iżda JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti u, fit-tweġibiet tagħha, iddeskriviet titjib konkret għall-qafas eżistenti;
5. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, meta timplimenta r-Rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni 1, tar-rapport, biex tikkunsidra, fost affarijiet oħra, l-implikazzjonijiet baġitarji tal-attivitajiet u l-proċessi ta' esternalizzazzjoni meta mqabbla maż-żamma tagħhom bħala kompiti għall-persunal tagħha stess, filwaqt li tiżgura l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tal-persunal fil-livell attwali u tfittex titjib fl-effiċjenza, inkluż billi tapprofondixxi l-kooperazzjoni interistituzzjonali. Ir-rapportar għandu jittejjeb permezz tad-dokumenti pprovduti fid-Dikjarazzjoni tal-Estimi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, meta timplimenta r-Rakkomandazzjoni 2, biex tevita l-konċentrazzjoni u d-dipendenza żejda, inkluż, fejn xieraq, billi tiegħu miżuri biex tkabbar il-grupp ta' esperti disponibbli;
6. JISTENNA li l-Kummissjoni, kif irrakkomandat mill-Qorti, tiżgura li r-riżultati ta' konsulenza esterna jintużaw bl-aktar mod sħiħ u jiġu disseminati fis-servizzi kollha tagħha u li taqsamhom mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE fi żmien xieraq, u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex issib modi kif tagħmel dawn ir-riżultati disponibbli għall-pubbliku ġenerali għall-benefiċċju tat-trasparenza lejn iċ-ċittadini, b'rispett sħiħ għar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità.
